**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 19 ta' Novembru 2024**

**Rikors Guramentat nru : 307/2021 AGV**

**Fl-ismijiet;**

MB

Vs

J B

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors guramentat ta' MB**

**Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma:**

1. Illi l-kontndenti ikkuntrattaw zwieg nhar it-tlieta u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena 2012 fl-Hotel Excelsior Floriana u dan kif jirizulta mill-kopja tac-Certifikat taz-zwieg estratt mill-Atti taz-zwieg numru 3302/2012 hawn anness u mmarkat bhala Dok A);

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal illim ghadhom minorrenni, A li ghandha disa snin u E li ghandha sitt snin , Dok C u Dok D

3. Illi z zwieg bejn il-kontedenti tkisser irrimedjabilment minhabba , eccessi, sevizzi, theddid, ingurju gravi, fost ragunijet ohra validi fil-Ligi li rendew il-hajja konjugali impossibbli u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skond il-Ligi bi htija imputabbli unikament lill-konvenut hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

4. Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi bil-proceduri kontenzjuzi ghas-separazzjoni minn mal-konvenut elfejn wiehed u ghoxrin (hawn anness u mmarkat bhal Dok. B).

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:-

1. Tiddikjara separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba mohqrija psikologika, eccessi u ingurji gravi kif ukoll talli z-zwieg tkisser b`mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-intimat;

2. Tordna ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontedenti tillikwida l-istess u taqsam ugwalmemt bejn iz-zewg Kontedenti okkorrendo ghall-finijiet ta' dina t-talba jigi nominat perit biex jaghmel likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill eventwali kontumacja fuq l-istess att;

3. Tapplika fil-konfron tal-intimata l-effetti kollha ta' Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fejn applikabbli;

4. Tordna lil intimat jhallas lil attrici rata ta' manteniment ghaliha u ghal bintha A stante li E tinsab taht care Order b`mod retrovattiv stante illi il-konvenut manteniment ghal tal anqas l-ahhar erba' snin kemm A ilha toqghod man-nanniet materni;

5. Tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar matrimonjali flimkien ma' uliedha ad eskluzjoni tal-intimat li qieghed jikri l-istess dar matrimonjali minghajr il-kunsens taghha u minghajr ma jghaddilha ebda hlas mir-rikavat u dan wara li kecciha mill-istess dar matrimonali.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

**Rat ir- Risposta Guramentata tal-Konvenut JB ;**

**JESPONI bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:-**

**<u>Eccezzjonijiet:-</u>**

Illi huwa ma jopponiex ghas-separazzjoni personali li ghandha tinghata ghall-ragunijet imputabbli lill-attrici bil-konsegwenzi u sanzjonijiet li din igib maghha skond il-ligi.

Illi huwa lanqas jopponi ghall-likwidazzjoni u xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom prevja li l-eccipjenti jiehu dawk il-flejjes provedejenti mill-propjeta parafernali tieghu.

Illi huwa jopponi li jhallas mateniment ghaliha u ghat-tifla A u dana peress illi l-attrici ghandha tmur tahdem u t-tifla A mhijiex fil-kura taghha izda toqghod man-nanniet materni.

Illi ma jistax jkun illi l-attrici tmur tabita f' dik d-dar matrimonjali u cioe' Petit Triq il-Punici, Safi, flimkien ma 'uliedha li lanqas biss huma fil-kura taghha u dana peress illi kienet l-istess attrici li abbandunata u illum il-gurnata dan il-fond huwa mikri lil terzi u l-partijiet taqsam l-kera bejniethom.

Illi l-esponenti jipprevalixxi ruhu mill-azzjoni ttentata mill-attrici u qed jintavola Kontro-Talba biex jirrikonvenjona lill-attrici inter alia ghas-subizzjoni personali u d-divorzju taz-zwieg taghhom.

1. Il-kontendenti zzewgu nhar it-23 ta' Dicembru 2012 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt ulied A li twieldet nhar id-19 ta' Lulju 2012 u E li twieldet nhar is-17 ta' Frar 2015.

2. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il- kontedenti saret impossibbli u l-attrici rrendiet ruhha hajta ta' adulterju ,eccessi, sevizzi, ngurji gravi, mohqrija , offizi gravi, vjolenza psikologika fil-konfront ta' zewgha oltre li l-hajja konjugali ma ghandhiex possibbli minhabba nkompatibilita' ta' karattru tant li z-zwieg tkisser b' mod irrimedjabbli.

3. Illi l-attrici dawwret ghall-uzu personali taghha hafna flejjes li l-esponent kien ghaddhielha mil-bejgh ta' propjeta' parafernali tieghu abbandunat id-dar matrimonjali.

**Rat il-Kontro-talba tal-konvenut JB fil-konfront tal-Attrici MB**

**Jesponi bir-rispett u bil-gurament jikkonferma:-**

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-23 ta' Dicembru 2012 u minn dan iz-zwieg twieldetilhom A nhar id-19 ta' Lulju 2012 u E nhar is-17 ta' Frar 2015.

2. Illi l-hajja kongujali ta' bein il-partijiet saret impossibbli minhabba adulterju , eccessi , sevizzi, ngurji gravi , mohqrija , offizi gravi , vjolenza psikologika fil-konfront ta' zewgha , oltre li l-hajja konjigli ma ghadiex aktar possibbli minhabba nkompatibbilita' ta' karattru tant li z-zwieg tkissier irremedjabilment.

3. Illi l-attrici rikonvenuta dawwret ghall-uzu taghha hafna flejjes li l-esponent kien ghaddielha mill-bejgh tal-propjeta' parafernali tieghu dana apparti mill-impjieg tieghu izda l-attrici spiccat biex abbandunat id-dar matrimonjali.

4. Illli l-attrici rikonvenuta dawwrett ghall-uzu taghha hafna flejjes li l-esponentkien ghaddielha mill-bejgh tal-propjeta parafernali tieghu u abbandunat id-dar matrimonjali, 'Petite', Triq il-Punici, Safi.

5. Illi ricentament l-esponent sar jaf li l-attrici kienet sa minn qabel z-zwieg taghhom tiehu kura psikjatrika haga li kienet giet mistura minnu anki mill-genituri taghha.

6. Illi l-partijiet ilhom aktar minn sena separatti de facto.

Tghid ghalhekk l-attrici rikonvenuta l-ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment minhabba r-ragunijiet fuq premessi imputabbli lill-attrici MB .

2. Tiddjkara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontedenti u tillikwida l-istess billi okkorrendo tordna l-bejgh ta' dik li kienet id-dar matrimonjali u cioe, 'Petite' , Triq il-Punici, Safi, u tiddividi u tassenja l-istess f' zewg porzjonijiet ugwali.

3. Tassenja lill-esponent rikonvenut il-beni parafernali tieghu u/jew il-valur ta l-istess inkluz id-deheb li ghandu valur sentimentali u tordna lill-attrici rikonvenuta sabiex tirritorna lill-esponent il-beni kollha parafernali tieghu jew il- valur relattiv tal-istess jekk ikun il-kaz.

4. Tapplika kontra l-attrici, interament jew in parte d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48/ u jew 51 sa 55 A tal-Kodici Civili.

5. Tinnomina nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kull att iehor necessarju u ancillari skond il-Ligi u kuratur deputat sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq kull att necessarju.

6. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u komsegwentament tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar it- 23 ta' Dicembru 2012 ai termini tal-Artikolu 66 C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffisat minn dina l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur Tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja tal-

hall taz-zwieg ossija d-divorzju bejn il-partijiet sabiex dana jigi registrat fir -Registru Pubbliku ai terminita artikolu 66 A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-attrici rikonvenuta minn issa ngunta biex tidher personalmemt ghas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta guramentata tal-attrci MB ghar-risposta tal-Konvenut;**

**Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma:-**

**<u>Eccezzjonijiet:-</u>**

1. Dwar l- eccezzjoni illi hija taqbel ghas-seprazzjoni personali u anke ghad-divorzju li ghandha tinghata ghall-ragunijiet imputabbli lill-konvenut bil-konsegwenza u sanzjonijiet li din iggib maghha kif diga' inghad fir-rikors promutur;

2. Dwar it-2 eccezzjoni illi hija taqbel ghall-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom prevja li hija tinghata nofs il-flejjes u nofs il-propjeta suggetta ghal komunjoni tal-akkwisti u li tabita fid-dar matrimonjali f' Hal Safi kif diga' inghad fir-rikors promutur.

3. Dawr it-3 eccezzjoni illi hija mhix titlob manteniment ghaliha inffisha izda manteniment pendente lite ghal-anqas lil missierha u ommha P u

J maghrufin bhala JOZ fejn bintha A ilha tabitha ghal dawn l-ahhar 4 snin kif wkoll arretrati ta' manteniment ta' dawn l-ahhar 4 snin.

4. Dawr ir-4 eccezzjoni illi mhux minnu illi hija abbandunat id-dar matrimionjali izda kien il-konvenut li kien gieghelha tmur tabitha Birzebbuga fl-appartament tal-familja tieghu biex fil-frattemp ghamel uzu minn prokura generali li l-attrici kellha a favur tal-konvenut u ad insapunta taghha kera l-istess dar matrimonjali – kirja li lanqas biss hija registrata – u qieghed izomm ghalih wahdu kull dhul minn din il-kirja;

5. Illi ghalhekk din il-kirja ghandha tispicca immedjatament u li hija tinghata l-opportunita' li tmur tabita fiha anke pendete lite, Anke minhabba xi mandati ta' inbizzjoni li JB ghandu jew jista jkollu.

**Eccezzjonijiet dwar il-fatti:-**

Dwar l- ewwel eccezzjoni l-attrici tikkonferma l-ulied li kontendenti ghandhom;

Dwar it-2 eccezzjoni l-attrici tichad kategorikament illi hija qatt irrendiet ruhha hajta ta' aduterju, eccessi, sevizzi, ngurji gravi, mohqrija, offizi gravi , vjolenza psikologika fil-konfront tal-konvenut stante li hija l-attrici – li ghaddiet minn dawn l-aggravji sakemm kienet tghix mal-konvenut u waqt li hija stess kellha wkoll zewgt itfal u zewg korrimenti minghajr ebda ghajnuna jew hniena minghand l-istess konvenut ghaliex dejjem kien jghid li l-attrici kienet tesagera.

Dwar it- 3 eccezzjoni, l-attrici tichad kategorikament illi hija qatt inghata xi flejjes kbar kif qed jallega l-konvenut stante li bil-kemm ghandha fuq xiex tghix u x' tilbes u l-idea ta' investiment ta' flus hija qatt ma kellha u lanqas ghandha. L-attrici tirrispingi wkoll illi hija qatt abbandunat i d-dar matrimonjali u wara li zewgt itfal spiccaw wahda fil-kura u kustodja ta' care order u l-ohra f' idejn il-genituri taghha u li b`malizja, il-konvenut uza il-prokura generali li huwa kellu fil-pussess tieghu biex jaghmel dak kollu permess bil-hila tal-istess prokura a skapitu tal-attrici. Rapport dwar bdil ta' serratura sar lil Pulizija f' Dicembru li ghadda u qieghed jigi hawn mehmuz, Dok A.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti tal-medjazzjoni 62/21 bejn il-partijiet, u l-atti tar-Rikors Generali 224/21 fejn il-genituri tal-attrici talbu illi jinghataw il-kura w kustodja tal-minuri A.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Il-partijiet kienu ltaqghu fis-sena 2008, u bdew relazzjoni flimkien u ghal xi zmien ghexu fl-istess dar, proprjeta' tal-konvenut. L-attrici harget tqila lejn l-ahhar tas-sena

2011, u fil-fatt welldet tifla f'Lulju 2012, li l-partijiet semmew A. F'Dicembru ta' dik is-sena, huma zzewgu u ghexu flimkien fl-istess proprjeta' tal-konvenut. L-attrici kellha t-tieni wild fi Frar 2015, tifla li ssemmiet E . Xahar qabel huma kienu xtraw proprjeta' gewwa Hal Safi, biex din tkun id-dar matrimonjali. L-attrici kienet fil-frattemp harget tqila darbtejn ohra, izda b'xorti hazina tilfet iz-zewg trabi, u dan jidher li affettwaha hazin fl-istat psikologiku taghha. Inoltre, it-tieni wild, E,  twieldet bil-kundizzjoni ta' downs syndrome, u l-konvenut ma setax jaccetta dan il-fatt.

Jidher li r-relazzjoni bejn il-partijiet baqghet sejra ghall-aghar, sakemm l-attrici telqet mid-dar. It-tifla l-kbira, A , bdiet tghix man-nanniet materni taghha, fejn ghadha hekk sa llum, mentri t-tifla z-zghira, E, kienet ittiehdet tghix f'dar residenzjali taht Ordni ta' Harsien.

L-attrici ressqet din il-kawza sabiex titlob il-firda personali minn ma' zewgha, liema talbiet gew imwiegba b'kontro-talba da parti tal-konvenut, biex b'hekk din il-Qorti trid tara l-provi mressqa mill-partijiet u taghti l-fehmiet taghha.

1. **L-attrici** xehdet permezz ta' affidavit, ippresentat fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2022, flimkien ma' affidavit tal-genituri taghha. Tghid li kienu ltaqghu f'Awwissu 2008 u bdew johorgu flimkien. Imbaghad bdew jghixu flimkien fid-dar ta' omm il-konvenut gewwa Hal Luqa, fejn kienet tghix ukoll ommu. Wara li welldet l-ewwel tarbija marru jghixu f'post tal-konvenut gewwa B'Bugia. Tghid li f'daz-zmien kienet tkun hafna hin wehidha, ghax il-konvenut ma kienx jkun id-dar. Meta kellhom it-tieni tarbija, E, li izda twieldet mejta, l-attrici hassitha hazin hafna u fittxet l-ghinuna ta' Dr Anton Grech. Tghid li l-konvenut ma kienx jaqbel ma' dawn l-ispejjez medici u ghalhekk waqfet tmur ghandu. F'Jannar 2015 kienu

xtraw il-post ta' Hal Safi, u xahar wara twieldet E. Huma marru jghixu fid-dar matrimonjali f'Hal Safi f'Gunju 2015. Tghid li l-konvenut sar hafna aktar aggressiv maghha u mat-tifla wara li twieldet. Tghid li anke wasal biex jghid li kien jgieghelha taghmel abort li kieku kien jaf li E kienet 'downs'. Kien anke qal li t-tort ta' dan kollu kienu t-tobba li ma qalulux li t-tifla kellha din il-kundizzjoni, ghax kien jfittex li joqtolha qabel ma titwieled. Dan id-diskors irrepetih kemm-il darba, anke quddiem it-tifla l-ohra, A.

L-attrici tkompli tghid li l-konvenut kien vjolenti maghha ta' spiss, anke quddiem it-tfal. Kien ghalhekk li t-tifla l-kira A ma riedetx tibqa' tghix id-dar izda riedet toqghod man-nanniet. L-affarjiet komplew jiggravaw bejniethom, u ma baqghux jghixu Hal Safi izda regghu marru jghixu gewwa B'Bugia, b'dana illi l-attrici kienet tghix f'appartament mentri l-konvenut kien jghix f'appartament iehor, fl-istess blokka, li kienet tappartjeni lill-familja tieghu. Tul dan iz-zmien, il-konvenut kien biddel is-serratura tad-dar matrimonjali, kriha lil terzi, u kien jzomm il-kera hu. Kien ghalhekk li ghamlet rapport lill-Pulizija ghal ragion fattasi.

Hija telqet lill-konvenut f'Dicembru 2020, ghax tghid li ma felhitx aktar ghall-abbuz tieghu, u f'Mejju 2021 marret tghix ma' hbieb taghha gewwa M'Scala. F'Ottubru 2021 hija irtirat il-prokura illi kienet tat lill-konvenut.

2. **Il-konvenut** ukoll ippresenta affidavit fil-25 ta' April 2022. Jghid li kien sar jaf lill-attrici f'Awwissu 2008, u sar jaf li kienet fil-prostituzzjoni, u gietu hniena minnha u accetta li tigi toqghod mieghu ghand ommu. Minn hemm nibtet relazzjoni bejniethom, sakemm l-attrici inqabdet tqila bl-ewwel wild taghhom, A, li twieldet f'Lulju 2012. Ghalhekk hasbu biex jizzewgu u jghixu bhala familja. Ghat-tieg kien hallas kollox hu, mentri r-

rigali tat-tieg jghid li zammuhom kollha l-genituri tal-attrici. Dak iz-zmien il-konvenut kien jahdem ma' Polidano u kellu paga tajba. Huma marru jghixu B'Bugia f'appartament proprjeta' tal-familja tieghu.
Il-konvenut jikkonferma li bejn l-ewwel u t-tieni wild, l-attrici kienet korriet i-tqala darbtejn. Jikkonferma wkoll li meta twieldet E bil-kundizzjoni ta' downs, kien hadha bi kbira hafna, u jikkonferma wkoll li kien qal diversi drabi li kieku seta', kien jaghmel abort qabel ma titwieled.

Jikkonferma wkoll li kienu xtraw il-post ta' Hal Safi f' Jannar 2015, ghall-prezz ta' €85,000 (hamsa w tmenin elf Ewro) u marru jghixu fih aktar tard dik is-sena. Jikkonferma li l-flus kien harighom kollha missier l-attrici, izda hallsu kollox lura minn bejgh ta' garaxx parafernali, flimkien ma' €10,000 (ghaxart elef Ewro) ohra addizzjonali.
Il-konvenut jghid ukoll li l-attrici kienet tamministra l-flus tieghu, kemm dawk tal-paga tieghu – madwar €1,500 (elf u hames mitt Ewro) kull hmistax – kif ukoll xi flus parafernali illi kellu, ammont ta' €45,000 (hamsa w erbghin elf Ewro).

Il-konvenut jghid ukoll li l-attrici kienet tigbor affarjiet mit-triq u zzommhom id-dar, biex b'hekk kellhom hafna oggetti mizmuma ghandhom, minghajr wisq indafa. Il-konvenut juza l-espressjoni "hoarder" fid-deskrizzjoni tal-attrici. Jikkonferma li binthom il-kbira, A, tghix man-nanniet, mentri fuq l-bint l-ohra, E, hemm ordni ta' harsien. Jghid li meta l-attrici kienet ghadham mieghu, baqghet tipprostitwixxi ruhha u kienet tohrog u ddum ma tigi lura. Ghalhekk kien telaq u mar jghix f'wiehed mill-appartamenti tal-familja tieghu gewwa B'Bugia. Ghalhekk jikkonferma li l-attrici kienet baqghet gejja w sejra minn B'Bugia ghad-dar ta' Hal Safi, tiggerra barra bil-prostituzzjoni, u tigbor hafna oggetti u imbarazz mit-triq u zzommhom ghandha. Kien ghalhekk li kera d-dar ta' Hal Safi ghall-kera

ta’ €600 (sitt mitt Ewro) fix-xahar, izda kien jaqsam il-kera mal-attrici, kif jirrisulta minn ricevuti esebiti minnu.

A fol. 63 tal-process jidher li l-konvenut kien issepara mill-ewwel zwieg b’kuntratt datat 21 ta’ Gunju, 2011, u kiseb id-divorzju fis-27 ta’ Gunju 2012, ftit xhur qabel ma zzewweg lill-attrici.

3. **Ir-rapport tad-Direttorat** datat 4 ta’ Ottubru 2022 jikkonferma diversi partijiet mix-xiehda kemm tal-attrici kif ukoll tal-konvenut. Fir-rapport jinghad li l-konvenut kien accetta lill-attrici tghix mieghu biex jkollha saqaf fuq rasha, meta dak iz-zmien kellu ‘pole dancers’ jghixu mieghu wkoll. Ammetta li kien hadha bi kbira meta twieldet E bil-kundizzjoni ta’ downs, u ammetta wkoll li kien jkun ahjar kieku seta’ jaghmel abort qabel ma titwieled. Dan id-diskors gieli rrepetih fil-presenza tat-tifla l-ora, A. Jaqbel li jkun ahjar li A tibqa’ man-nanniet, cioe’ mal-genituri tal-attrici, u li jkollu kuntatt maghha kul tant zmien. Il-konvenut qal ukoll li lest jaghti manteniment lin-nanniet ghal bintu.

L-istess rapport jezamina r-relazzjoni bejn il-minuri A u l-attrici. It-tifla tirreferi ghal ommha b’isimha, mentri lin-nanna tirreferi ghaliha bhala “ma”. L-attrici taqbel li t-tifla ghandha tibqa’ tghix mal-genituri taghha, ghax maghhom ma jonqosha xejn. L-attrici tikkonferma li fi tfulitha kienet vittma ta’ bullying, u li kienet qabdet cirku ta’ hbieb ta’ influwenza hazina fuqha. Ikkonfermat ukoll li zzomm hafna affarjiet bla bzonn id-dar, u li ma kellhiex pjanijiet fissi dwar impieg fil-futur u kif ha zzomm lilha nnifisha wara s-separazzjoni.

Kwantu ghall-minuri A, ir-rapport jispjega li l-minuri tinsab tajba man-nanniet. Ma tridx tiltaqa’ ma’ missierha, ghax ghadha tiftakar id-diskors li kien qal li kieku seta’ kien joqtol lil ohtha E u ghalhekk baqghet tibza’ hafna minnu. L-attrici ma tantx hija involuta fil-hajja tal-minuri, u l-vizti

maghha huma ftit u mhux ta' spiss. Di fatti, ir-rapport jikkonkludi illi [l-minuri ghandha tibqa' man-nanniet taghha, tant hu hekk li anke esprimiet ix-xewqa illi tbiddet kunjomha ghal dak tan-nanniet taghha. Ir-rapport gie ikkonfermat b'nota tad-Direttorat datata 24 ta' Jannar 2023.

4. **Illi b'digriet datat 8 ta' Frar, 2023**, il-Qorti kienet iddisponiet mir-Rikors Generali 224/21 ippresentat min-nanniet materni, il-konjugi P u JZ , billi gew fdati bil-kura w kustodja tat-tifla A, li ukoll inghataw is-setghat kollha ta' genitur fuq il-minuri ad eskluzjoni tal-partijiet, u ghalhekk ir-residenza ordinarja ta' A saret dik tan-nanniet.

5. **Illi in forza ta' digriet iehor datat 29 ta' Marzu, 2023,** gie ordnat illi c-children's allowance pagabbli ghall-minuri A jigi percepit min-nanniet materni, il-konjugi P u J Z .

6. **Louis Buhagiar ghal Jobsplus** esebixxa lista ta' impiegi li l-partijiet kellhom tul is-snin. Ir-rappresentanti tal-banek esebew il-kontijiet bankarji tal-partijiet. Christopher Spiteri ghal Transport Malta esebixxa lista ta' vetturi registrati fuq il-partijiet.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi oltre dawn il-provi, gew prodotti diversi xhieda ohra u dokumenti miz-zewg nahat, li jaghtu stampa cara tal-fatti kollha tal-kaz. Il-partijiet iltaqghu fl-2008, meta jidher li l-attrici diga' kienet involuta fil-prostituzzjoni. Dan jidher mill-kontro ezami li sar mill-konvenut lil missier l-attrici fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2023, quddiem l-assistent gudizzjarju. Dak iz-zmien il-konvenut kellu jghixu mieghu xi 'pole dancers'. Ma hemm ebda prova ohra rigward dan. Il-Qorti

tista' biss tippresumi li l-istess konvenut ma kienx ta' subghajh f'halqu. Di fatti, il-Qorti ghandha suspett kemm fil-fatt il-konvenut "salva" lill-attrici mit-triq. Dan qed jinghad ghax kien jaf ezatt min huma l-persuni li kienu jiffrekwentawha ghal dak ix-xoghol, kemm meta kienu ghadhom johorgu flimkien, kif ukoll wara li zzewgu. Ghall-Qorti hemm konferma wkoll li l-konvenut kien vjolenti mal-attrici. Bizzejjed wiehed jaghmel referenza ghal bosta rapporti maghmula mill-istess attrici biex jasal ghal din il-konkluzjoni, kif ukoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-konfront tieghu. Aktar minn hekk, izda, hemm l-episodju li l-konvenut kien lestjaghmel abort fuq it-tieni wild tieghu, E, li twieldet bil-kundizzjoni ta' downs u li qeghdha residenti l-Mosta taht Ordni tal-Harsien. Il-Qorti m'/ghandhiex ghalfejn tirrepeti wisq fuq dan l-episodju, li anke wassal biex il-minuri A tinghata lin-nanniet materni, kif gia' deskritt aktar qabel.

Il-konvenut jirreferi ukoll ghal mod kif kien jiggestixxi l-flus tieghu, billi jhalli kollox f'idejn l-attrici. Il-Qorti hija perplessa kif ragel li kien jahdem ma' Polidano u jaqla' madwar €1,500 kull hmistax, kif ukoll jinnegozja artijiet parafernali, jafda lil martu b'dawn il-flus kollha meta hija evidenti li m'hijiex persuna affidabbli. Dan jirrisulta kemm mill-prova li kienet taht kura psikjatrika ghal tul konsiderevoli ta' zmien, kif ukoll mit-tip ta' attivita' li kienet taghmel u n-nies li kienet tiffrekwenta. Il-Qorti ghalhekk ma tistax tikkonkludi li l-konvenut qed jghid is-sewwa meta jghid li hu kien fdalha somom kbar ta' flus biex jinkitbu fuq it-tfal, ghalkemm jista' jkun minnu li kien jafdaha bi ftit mijiet ta' Ewro ghall-bzonnijiet tal-hajja.

Il-Qorti ssibha difficli temmen lill-partijiet f'kull ma qalu fil-konfront ta' xulxin. Huwa aktar verosimili li l-attrici kienet taqbad u titlaq mid-dar meta trid hi, u tiffrekwenta lill-persuni li trid hi, ghall-iskopijiet li taf hi biss, presumibbilment biex jkollha flus f'idejha. Huwa verosimili wkoll li l-konvenut kien jaf ezatt x'inhi taghmel l-attrici, u ma' min qed tkun, u meta ra li ma kellux kontroll fuqha,

halliha titlaq u biddel is-serratura tad-dar matrimonjali u kriha lil terzi, wara dahar l-attrici. Dan ma kien zwieg xejn, izda forma ta' arrangament reciproku. Ghalhekk, dwar htijiet fiz-zwieg, il-Qorti tikkontendi li l-partijiet it-tnejn huma responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg taghhom b'mod indaqs, l-attrici ghal abbandun taz-zwieg, u l-konvenut ghal ingurji u sevizzi gravi. Stante li t-tnejn qed jinstabu hatja ghat-tifrik taz-zwieg, ghal ragunijiet gravi u serji, lit-tnejn li huma sejra tigi imposta fuqhom id-dekadenza milli jirtu lil xulxin, jew li jitolbu manteniment minn ghand xulxin. L-attrici tista' tfittex u ssib impieg li jaghtiha dinjita' li jixirqilha, bhal ma gieli kellha fil-passat. Il-konvenut ghandu l-pensjoni u probabbli xi kirjiet minn proprjeta' parafernali.

**Kura w kustodja tal-minuri, Manteniment**

Iz-zewgt itfal tal-partijiet, A li twieldet f'Lulju tal-2012 u E li twieldet fi Frar tal-2015, huma t-tnejn taht il-kura ta' persuni ohra. A tinsab taht il-kura tan-nanniet materni, u ilha tirrisjedi maghhom sa minn Gunju 2016, u b'effett mid-digriet ta' din il-Qorti tat-8 ta' Frar 2023, il-kura w kustodja effettiva inghatat lin-nanniet materni. Il-minuri E ilha tirrisjedi taht Ordni ta' Harsien sa minn bejn wiehed u iehor l-istess zmien. Dan jfisser li, sa minn eta' bikrija, it-tfal ma baqghux jirrisjedu mal-genituri taghhom, u li ebda wiehed mill-genituri m'ghandu jkollu l-kura w kustodja ta' ebda wahda mill-minuri. Anzi, il-Qorti hi tal-fehma li z-zewg partijiet ghandhom jipprovdu ghat-tfal taghhom bil-mezzi kollha illi ghandhom.

Huwa ghalhekk illi l-Qorti hi tal-fehma li d-dar matrimonjali ghandha tigi assenjata lit-tfal direttament, u mhux lill-partijiet. Id-dar kienet inxtrat fiz-zwieg u tappartjeni lill-partijiet. Jekk din tigi assenjata lill-partijiet, jew tinbiegh fis-suq liberu, il-flus zgur li mhux ser jintuzaw ghall-bzonnijiet tal-minuri. Ghalhekk,

minflok li l-partijiet jigu ordnati jhallsu manteniment fix-xahar ghall-kura tal-minuri, id-dar matrimonjali ser isservi bhala hlas tal-istess manteniment, kemm ghall-arretrati dovuti minnhom, kuf ukoll ghal hlas li ghandu jsir sa ma l-ulied jaghlqu l-eta' ta' 18-il sena jekk jkollhom impieg 'full time', jew sa l-eta' ta' 23 sena jekk jibqghu jistudjaw.

Il-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti dwar id-dar matrimonjali:

> ***3A.*** *(1) Id-dar taż-żwieġ għandha tkun stabbilita f'lok li jintagħzel bi qbil bejn il-miżżewġin skont il-ħtiġiet tal-miżżewġin u l-interess ewlieni tal-familja nnifisha.*
>
> *(2) Meta d-dar taż-żwieġ, kollha kemm hi jew sehem minnha, tkun tappartjeni fi proprjetà jew b'xi titolu ieħor, lil parti waħda mill-miżżewġin, dik il-parti tista' biss tittrasferixxi b'titolu inter vivos is-sehem tagħha fuq id-dar taż-żwieġ:*
>
> *(a) bil-kunsens tal-parti l-oħra; jew*
> *(b) meta dak il-kunsens ma jingħatax mingħajr raġuni xierqa, bl-awtorità tal-qorti kompetenti; jew*
> *(c) b'irkant f'bejgħ ġudizzjarju fuq talba ta' xi kreditur ta' dik il-parti.*
>
> *(3) Il-parti li ma tkunx tat il-kunsens tagħha għal trasferiment tista' ġġib azzjoni għall-annullament ta' trasferiment li ma jkunx sar skont is-subartikolu (2), f'għeluq sena minn meta t-trasferiment ikun ġie reġistrat.*
>
> ***55A.*** *(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha, fuq it-talba ta'*

*xi waħda mill-partijiet, tordna, skont iċ-ċirkostanzi:*

(a) *li xi parti minnhom għandha toqgħod fid-dar taż-żwieġ, ad esklużjoni tal-*parti *l-oħra, u għal dak il-perjodu u taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa; jew*

(b) *li d-dar taż-żwieġ għandha tinbiegħ, fejn tkun sodisfatta illi ż-żewġ partijiet u uliedhom ser ikollhom akkomodazzjoni oħra xierqa, u li r-rikavat tal-bejgħ għandu jiġi assenjat lill-*partijiet *kif il-qorti jidhrilha xieraq; jew*

(c) *fejn id-dar taż-żwieġ tkun tappartjeni liż–żewġ partijiet, li tassenja d-dar taż-żwieġ lil xi parti minnhom, liema parti jkollha tikkumpensa lill-*parti *l-oħra għat-*telf *finanzjarju soffert:*

*Iżda f'kull każ , il-qorti għandha tqis dan li ġej:*

(a) *l-aħjar interess tal-ulied minuri, inkluż l-impatt li jista' jkun hemm fuq l-ulied minuri jekk tilqa' talba magħmula skont dan l-*artikolu;

(b) *il-ġid tal-*partijiet *u tal-ulied; u*

(c) *jekk il-partijiet għandhomx, jew jekk bil-mezzi u l-ħiliet tagħhom jistax ikollhom, post ieħor fejn jgħixu.*

*(2) Il-qorti tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet, tibdel deċiżjoni meħuda minnha skont l-artikolu (1)(a), fejn ikun hemm tibdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi.*

*(3) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 3A(2) ma japplikawx fir-rigward ta' miżżewġin li jkunu legalment separati, sakemm il-kuntrarju ma jkunx ġie miftiehem mill-miżżewġin jew ordnat mill-qorti li għandha l-ġurisdizzjoni li tagħti s-*separazzjoni personali; *u dak il-ftehim jew ordni ma jkollux seħħ*

*kontra terzi ħlief mill-waqt li dak il-ftehim jew ordni jkun ġie mniżżel fir-Reġistru Pubbliku.*

L-insenjament tal-Qrati taghna wkoll jipprovdi ghal-likwidazzjoni tal-komunjoni favur l-ulied:

"Illi l-ewwel kwistjoni li tqum hija jekk id-disposizzjoni tagħtix is-setgħa lill-Qorti li tordna li d-dar matrimonjali tinqasam fiżikament fi tnejn sabiex il-miżżewġin, wara s-separazzjoni, jgħixu separatament fiż-żewġ fondi diviżi li jiġu hekk krejati. Jiġi notat li l-liġi hija kompletament siekta fuq din il-kwistjoni, billi jidher li hija tikkunsidra biss il-possibilita' li parti waħda tiġi allokata bid-dar matrimonjali sħiħa u fl-intier tagħha ad esklużjoni tal-parti l-oħra.... La l-Qorti għandha s-setgħa li tkeċċi wieħed jew waħda mill-miżżewġin mid-dar konjugali kollha, hija loġikament għandha wkoll il-poter li tkeċċi lil dan/din il-miżżewweġ/a minn parti maqsuma tad-dar. Pero' l-Qorti tifhem li din is-setgħa għandha tiġi eżerċitata b'ċerta ċirkospezzjoni u biss meta ma hemmx soluzzjoni ġusta oħra u wara li jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha sabiex ebda parti ma tiġi inġustament svantaġġjata jew vantaġġjata. Fl-ewwel lok, waqt li l-ewwel Qorti iddeċediet tajjeb li l-fond in kwistjoni huwa proprjeta' parafernali ta' l-appellanti, u waqt li l-ewwel Qorti ħasbet li talloka l-ispejjez tad-diviżjoni lill-konvenut.....fit-tieni lok jiġi osservat li l-ewwel Qorti ma kellhiex is-setgħa li taċċetta dak li talab il-konvenut, u ċioe' li, mingħajr il-kunsens ta' l-appellanti, tikkreja titolu ta' lokazzjoni fuq il-fond t'isfel a favur tal-appellat, bil-konsegwenzi kollha li jidderivaw minn tali titolu. L-artikolu 55A tal-Kap. 16 ma jidentifikax in-natura preċiża tat-titolu ta' okkupazzjoni konferit fuq il-miżżewwġin li jitħalla jokkupa l-fond matrimonjali wara l-firda. Fi kliem ieħor, il-liġi ma tindikax li si tratta ta' titolu ta' kera, ta' kommodat jew ta' xi titolu ieħor ta' okkupazzjoni li

jissemma fil-Kodiċi Ċivili. Jidher allura li hawn si tratta ta' titolu innominat u konferit "ad hoc" bl-istess disposizzjoni, tant li fis-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu l-Qorti tingħata wkoll id-dritt li "fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet f'kull żmien tibdel dik id-deċiżjoni jekk ikun hemm tibdil sostanzjali fiċ-ċirkustanzi". din id-disposizzjoni tkun diffiċilment applikabbli fil-każ li l-konvenut jingħata dritt li jokkupa parti mill-fond matrimonjali b'titolu ta' kera. Illi fit-tielet lok, il-qasma tal-fond u l-allokazzjoni ta' parti minnu lill-appellat tarreka żvantaġġ sproporzjonat lill-appellanti billi l-valur tal-fond parafernali tagħha jisfa' sostanzjalment ridott. Biex issir il-qasma materjali tal-fond, kif ukoll biex eventwalment il-fond jiġi ripristinat, jinħtieġu li jsiru spejjeż konsiderevoli li għandhom jiġu evitati għaliex tista' tinstab soluzzjoni eħfef billi l-konvenut isib akkomodazzjoni alternattiva, ħaġa li ma hijiex daqshekk diffiċli, stante li l-konvenut ma jrid jaħseb għal ħadd ħlief għalih innifsu".

**"Carmen Mifsud -vs- Cristino Mifsud", Appell, 14 ta' April, 1997**.

"Apparti l-element tal-koabitazzjoni ma' terzi, din il-Qorti pero' jidhrilha illi f'sitwazzjoni ta' din ix-xorta ma huwiex ġust illi d-dar matrimonjali li hu aċċettat li kienet proprjeta' komuni bejn il-konjugi, tibqa' hekk marbuta għall-użu esklussiv ta' wieħed minnhom, tista' tgħid potenzjalment indefinitivament sal-mewt ta' dak il-konjugi, speċjalment meta d-dar matrimonjali tkun l-unika assi ta' rilevanza fil-komunjoni ta' l-akkwisti u meta ma tkunx ġiet assenjata lil dan il-konjugi fl-interezza tagħha minħabba xi dekadenza komminata mil-liġi. Din il-Qorti jidhrilha ġust allura, illi tali proprjeta' kellha tibqa' marbuta għall-użu esklussiv ta' wieħed mill-konjugi sakemm it-tfal minuri jilħqu ċerta eta' li qed tiġi stabbilita għal wieħed u għoxrin (21) sena jew sa meta dawn ikunu telqu mid-dar ta' missierhom u jkunu marru joqgħodu għal rashom, liema

ċirkostanza tavvera ruħha l-ewwel. Dana, biex ma jiġix disturbat bla bżonn il-"focolare domestico" li għalih il-familja kienet għadha intitolata u fl-interess tal-istess tfal. Meta tavvera ruħha din l-eventwalita'. il-fond kellu jiġi mibjugħ."

**"Catherine Abdilla -vs- Carmel Abdilla", Appell, 6 ta' Ottubru, 1999**.

"Fil-waqt li hu veru illi l-Kodiċi Ċivili, kif emendat, donnu jtendi biex jippreserva d-dar matrimonjali favur wieħed jew waħda mill-konjugi biex jibqa' jabita fiha, speċjalment meta l-ulied minuri kienu qed jiġu mrobbijin fiha, din il-Qorti ma tifhimx illi s-subinċiż (2) ta' l-artikolu 55 tal-Kap. 16 kellu dejjem u f'kull każ, jiġi, b'xi mod jew ieħor applikat. Hemm każijiet fejn ikun inġust li d-dar konjugali fil-proċess tal-likwidazzjoni tal-komunjoni titħalla għall-użu u tgawdija ta' wieħed biss mill-konjugi meta din tkun ta' proprjeta' komuni u meta tkun, kif inhi f'dan il-każ, prattikament l-uniku assi attiv ta' ċerta rilevanza fil-komunjoni ta' l-akkwisti. Dan meta fl-aħjar ipotesi għall-appellat kien qiegħed jabita fiha waħdu, fl-agħar ipotesi tinsab mhux okkupata, li l-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ qed jiġi stabbilit mill-Qorti bħala attribwibbli għaż-żewġ kontendenti ndaqs u l-ewwel Qorti ma dehrilhiex li kellha timponi fuq xi parti xi waħda mid-dekadenzi komminati mil-liġi. Hu veru illi l-konvenut appellat ġie assoġġettat għat-trauma terribbli ta' l-asportazzjoni ta' uliedu minuri barra mill-pajjiż fil-mori ta' din il-kawża.... Din il-Qorti allura tifhem illi kien xieraq illi l-appellat, assoġġettat għal trauma ta' din ix-xorta, kellu jiġi mogħti vantaġġ li ma jiġix ukoll sradikat mid-dar matrimonjali, fejn presumibilment qed jgħix, jekk mhux wara li jgħaddi terminu raġonevoli ta' żmien biex jilħaq jissistema ruħu. Din il-Qorti tifhem illi perijodu ta' ħames snin mil-lum ikun adegwat għal dan il-fini. Din il-Qorti qed tagħti dan il-provvediment bis-saħħa tal-poteri li għandha

fl-artikolu 55 (2) għax, fil-fehma tagħha, ċ-ċirkostanzi kienu jinħtieġu li tordna li din il-proprjeta' ma tinqasamx qabel ma jgħaddi dan it-terminu ta' ħames snin wara li tispiċċa l-komunjoni."

**"Donna Grech et -vs- Carmelo Grech", Appell, 6 ta' Ottubru, 1999**.

Illi ghalhekk, tenut kont ta' dan l-insenjament, hekk kif il-Qorti kemm-il darba assenjat lil parti d-dritt illi tghix fid-dar matrimonjali flimkien mal-ulied, f'din il-kawza sejra tassenja d-dar kollha lill-ulied, ad eskluzjoni tal-partijiet. B'hekk, il-partijiet m'ghandhom ebda jedd jew titolu fuq id-dar. Ghal dan il-ghan, il-Qorti sejra tahtar Kuratur sabiex jirrappresenta l-interessi tal-ulied, u l-Kuratur ghandu jidher fuq l-atti kollha relattivi sabiex il-proprjeta' tigi trasferita fuq isem il-minuri u tinzamm minnhom ghall-bzonnijiet taghhom. Dan minflok ma jkun hemm hlas ta' manteniment fix-xahar u somma ghall-arretrati. Il-Qorti m'ghandha ebda fiducja li l-partijiet huma ghaqlin bizzejjed biex jiehdu hsieb il-bzonnijiet tat-tfal. B'dan il-mod, il-minuri jkollhom almenu saqaf fuq rashom u registrat f'isimhom.

**Komunjoni tal-akkwisti**

Il-Qorti ghalhekk qed tassenja d-dar matrimonjali ghall-ulied il-partijiet, kif gia' inghad. Din id-dar kienet inxtrat mill-partijiet f'Jannar 2015 versu l-prezz ta' €85,000 (hamsa w tmenin elf Ewro), li kienu thallsu kollha mill-genituri tal-attrici u li gew imhallsa lura lilhom mill-konvenut waqt iz-zwieg. Il-partijiet ftehemu li llum din id-dar tiswa' madwar €255,000 (mitejn u hamsa w hamsin elf Ewro) fuq is-suq. L-istess dar inkriet mill-konvenut fiz-zwieg, ad insaputa tal-attrici, wara li l-attrici telqet mid-dar jew tkecciet minnu, tant hu hekk illi l-konvenut kien biddel is-serratura tal-bieb ta' barra, biex l-attrici kienet imcahhda minn access ghad-dar

matrimonjali. Il-kera kienet qed tigi percepita mill-konvenut biss, u aktar 'il quddiem beda jaghti parti – mhux nofs – lill-attrici.

Rigward il-kumplament tal-komunjoni, il-Qorti tillikwida l-istess billi kull parti zzomm il-kontijiet bankarji illi ghandha f'isimha, kif ukoll kull parti ghandha zzomm vetturi jew dghajjes illi huma hekk irregistrati f'isimha.

Il-konvenut jghid ukoll illi kellu kwantita' ta' deheb illi kien ta lill-attrici, izda prova ta' dan ma gietx prodotta, u ghalhekk il-Qorti ma tistax taghti provvedimenti ohra fuq dan. Lanqas ma tista' taghti provvediment fuq flus li l-konvenut jghid li ta lill-attrici – somma ta' €45,000 (hamsa w erbghin elf Ewro) – f' cekkijiet li kienu gejjin minn bejgh ta' proprjeta' parafernali. Ma gewx prodotti provi sufficjenti li dan verament sehh, ghax ghall-Qorti tibqa' inverosimili hafna li l-konvenut kien jafda lill-attrici b'somom ta' flus hekk kbar.

Illi ghalhekk, il-Qorti sejra tiddeciedi l-kawza kif gej.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI;

**Kwantu ghat-talbiet attrici;**

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, izda ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, u tillikwida l-istess u taqsam il-komunjoni bil-mod kif indikat fl-intestatura “Komunjoni” fis-sentenza.
   Tinnomina lin-nutar Joseph Abela sabiex jircievi l-att relattiv, u kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

3. Tilqa’ t-tielet talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan fejn applikabbli;

4. Tilqa’ r-raba’ talba in parte, billi tillikwida manteniment ghall-minuri, liema manteniment qed jigi likwidat permezz tal-assenjazzjoni tad-dar matrimonjali lil ulied il-partijiet.
   Tichad it-talba ghal manteniment ghall-attrici.
   Tahtar lill-Avukat Dr Phyllis Aquilina bhala Kuratur ghaz-zewg minuri sabiex tidher fuq l-att relattiv u kull att iehor sussegwenti, sa ma l-minuri A jkollha l-eta’ ta’ tmintax-il sena, u ghall-minuri E *vita durante.*

5. Tichad il-hames talba.

**Kwantu ghat-talbiet rikonvenzjonali mressqa mill-konvenut:**

1.Tilqa’ l-ewwel talba rikonvenzjonali u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment izda ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

2.Tilqa' t-tieni talba rikonvenzjonali u tiddjkara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn  il-kontendenti  u tillikwida l-istess bil-mod kif deskritta fl-intestatura "Komunjoni".

3.Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba rikonvenzjonali, stante li ma gewx prodotti provi in sufficjenza tal-istess.

4.Tilqa' r-raba' talba rikonvenzjonali u tapplika kontra l-attrici, interament jew in parte d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48/ u jew 51 sa 55 A tal-Kodici Civili.

5.Tilqa' l-hames talba rikonvenzjonali u tinnomina lin-nutar Joseph Abela sabiex jippubblika l-att relattiv u kull att iehor necessarju u ancillari skond il-Ligi, u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq kull att necessarju.

6.Tilqa' s-sitt talba rikonvenzjonali u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u konsegwentament tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar it-23 ta' Dicembru 2012 ai termini tal-Artikolu 66 C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7.Tilqa' s-seba' talba rikonvenzjonali u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu iffissat ta' xahar minn dina s-sentenza javza lid-Direttur Tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja tal-hall taz-zwieg ossija d-divorzju bejn il-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66 A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tikkonferma d-digrieti tat-8 ta' Frar 2023 u tad-29 ta' Marzu, 2023, u ghalhekk tordna li l-kura w kustodja u r-residenza ordinarja tal-minuri A tibqa' ma' P u J sive Jo Z, u tordna wkoll li l-istess konjugi Z jibqghu jircievu c-Children's allowance tal-minuri A , u dan ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-ahjar interess tal-istess minuri.

Tordna lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali jaghmel il-pagamenti ghall-minuri AB direttament lil P u J konjugi Z.

Tawtorizza lill-partijiet jirregistraw is-sentenza fir-Registru Pubbliku.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-partijiet nofs bin-nofs bejniethom.

**Antonio Giovanni Vella**

**Imhallef**

**Concetta Gauci**

**Deputat Registratur**